# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 3**

**Rikors Numru 335/12 AF**

**Attrans Commercials Limited (C-12775)**

**v.**

**Ivan Abela; Kenneth Galea;
Pierre Farrugia; Kingpin Limited (C-44320); Avukat Dr Patrick Valentino u l-PL Hilda Ellul Mercer
bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta` Libjana Highway Car and Spare Parts Importation Company;
Avukat Dr Patrick Valentino u l-PL Hilda Ellul Mercer
bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Abulnaser Marghni;
u b'digriet tal-Qorti tal-21 ta' Mejju 2012,
Dr Mark Mifsud Cutajar u l-PL Pauline Mallia gew nominati minflok Dr Patrick Valentino u l-PL Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta` Libjana Highway Car and Spare Parts Importation Company u lil Abulnaser Marghni;
u b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' Gunju 2012, il-Qorti rrevokat l-inkarigu moghti lill-PL Pauline Mallia u tikkonferma dak tal-PL Hilda Ellul Mercer**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tad-29 ta' Dicembru, 2016, li permezz tieghu, is-socjetà attrici Attrans Commercials Limited qeghda titlob li tithassar is-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Settembru, 2016, fl-ismijiet fuq premessi u li tordna li l-istess kawza li taghha s-sentenza tkun giet imhassra in segwitu tal-ewwel talba tar-ritrattandi, terga' tinstema mill-gdid, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-ritrattati. Ir-ritrattazzjoni tal-kawza qeghda tintalab a bazi tal-Artikolu 811(l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Inizjalment, permezz ta' rikors guramentat tat-2 ta' April 2012, is-socjetà attrici talbet lill-Qorti sabiex:

> "1. Prevja kull konferma necessarja tax-xoljiment tan-negozju ta' bejn il-partijiet, tordna lill-intimati biex jipprovdu rendikont komplet tal-amministrazzjoni u d-direzzjoni taghhom tan-negozju fuq imsemmi mis-17 ta' Ottubru 2009 sad-data tax-xoljiment relattiv.
>
> "2. Tillikwida s-sehem korrett u proprju ta' hamsin fil-mija (50%) tal-profitt mill-operazzjoni tan-negozju fuq imsemmi, okkorrenti bl-opera ta' periti nominandi.
>
> "3. Tiddikjara lill-konvenuti in solidum bejniethom responsabbli ghal hlas tas-somma rapprezentanti tali sehem ta' profitti dovuti lis-socjetà attrici.
>
> "4. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom biex ihallsu lis-socjetà attrici tali sehem ta' profitti hekk likwidat.
>
> "5. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom biex ihallsu lis-socjetà attrici il-bilanc minnhom dovut lilha minnhom ghall-istock supplit lil u detenut mill-konvenuti.

"6. Tikkundanna lill-intimati Abela, Galea u Farrugia ihallsu lis-socjetà attrici l-ammont f'munita Ewro l-ekwivalenti ghas-somma ta' seba mija u tnejn u tletin elf hames mija u hamsa u tmenin Dinar Libiku (LYD732,585) (li bir-rata vigenti prezenti huma circa Euro 439,700) bilanc ta' ripagament ta' self lilhom maghmul mis-socjetà rikorrenti kif fuq premess.

"Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali pprezenta mis-socjetà rikorrenti u netessi legali kontra l-intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Permezz tar-risposta guramentata ta' Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Ltd, ipprezentata fl-4 ta' Mejju, 2012, gie eccepit:

"Illi in linea preliminari l-esponent Ivan Abela mhuwiex legittimu kuntradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi kien biss intermedjarju bejn zewg kummercjanti.

"Illi in linea preliminari l-esponent Kenneth Galea mhuwiex legittimu kuntradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi kien biss intermedjarju bejn zewg kummercjanti.

"Illi in linea preliminari l-esponent Pierre Farrugia mhuwiex legittimu kuntradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi kien biss intermedjarju bejn zewg kummercjanti.

"Illi in linea preliminari s-socjetà esponenti Kingpin Ltd., mhijiex legittimu kuntradittrici u kwindi ghandha tigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi qatt ma kien hemm involviment fin-negozju mertu ta' din l-istanza.

"Illi qatt u taht l-ebda cirkostanza s-socjetà rikorrenti avvanzat self lill-intimati Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Ltd, jew min minnhom kif allegat u pretiz mill-istess socjetà Attrans Commercials Ltd u dan, ghar-ragunijiet premessi fl-ewwel erba' eccezzjonijiet fuq esposti, kif ser jigi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"Illi ghalhekk fil-konfront tal-esponenti l-azzjoni attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

"Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici kwantu diretti fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

> "B'riserva għall-eccezzjonijiet ulterjuri skond l-eżitu tal-ewwel ħames (5) eccezzjonijiet."

Dr Mark Mifsud Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer għall-konvenuti Highway Car and Spare Parts Importation Company u għal Abdulnaser Marghni rispettivament, wiegbu:

> "Illi huma mhux edotti mill-fatti tal-kaz u għalhekk jirriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> "Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

B'sentenza preliminari mogħtija fl-20 ta' Jannar 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqgħet s-sitt eccezzjonijiet preliminari ta' Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Ltd u caħdet it-talbiet tas-socjetà rikorrenti fil-konfront tagħhom u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti. Ordnat ukoll il-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-intimati l-oħra.

Is-socjetà attrici appellat minn dik is-sentenza u talbet li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Jannar, 2016, fl-ismijiet fuq premessi, billi tiċħad u tirrespingi l-ewwel sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Ltd fis-sħiħ, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tagħhom.

B'sentenza tat-30 ta' Settembru, 2016, din il-Qorti cahdet l-appell interpost mis-socjetà attrici, filwaqt li kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-20 ta' Jannar, 2016, dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkonsidrat:
>
> "Illi peress li s-sentenza issa appellata laqghet l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti li mhumiex legittimi kontradittturi stante li kienu biss intermedjarji bejn zewg kummercjanti, u li ma gie avvanzat lilhom ebda self, l-ezami tal-provi ser ikun limitat in kwantu jolqtu dawn l-eccezzjonijiet preliminari.
>
> "Permezz tal-proceduri odjerni s-socjetà attrici tikkontendi illi hija dahlet f'negozju bi shab mal-konvenuti Abela, Galea, Farrugia u Kingpin Limited, sabiex flimkien jesportaw l-ingenji lejn il-Libja, u li avvanzat certu ammont ta' flus, partikolarment li harget sehem l-appellati bhala self ta' flus li kellhom jintraddu lura. Is-socjetà attrici kellha takkwista minghand terzi l-ingenji u makkinarju, sabiex jinbieghu fil-Libja, filwaqt li l-partijiet kellhom jidentifikaw akkwirenti fil-Libja ghal dawn l-ingenji u makkinarju. Is-socjetà attrici tishaq li kellha tithallas lura l-prezz u l-ispejjez inkorsi minnha ghall-akkwist ta' tali ingenji u makkinarju, filwaqt li l-profitti rizultanti kellhom jinqasmu bejn il-partijiet, in kwantu ghal hamsin fil-mija ghaliha u hamsin fil-mija ghall-konvenuti appellati.
>
> "Jinghad ukoll mis-socjetà attrici li l-appellati Maltin kellhom socjetà Libjana, il-konvenuta Highway Car and Spare Parts Importation Company, li kellha tigi utilizzata bhala mezz biex jinbieghu l-ingenji u l-makkinarju fil-Libja, filwaqt li l-konvenut Abulnaser Marghni, li kien identifikat mill-konvenuti l-ohra, kien mehtieg bhala cittadin Libjan tal-fiducja taghhom, li kien il-kuntatt taghhom fil-Libja; izda tinsisti li l-ftehim ghan-negozju sar mal-konvenuti Maltin personalment.
>
> "Il-versjoni tal-appellati Abela, Galea u Farrugia tikkontrasta ferm ma' dak li jinghad mis-socjetà appellanti, fis-sens li jghidu li dawn it-tlieta min-nies kienu ilhom snin twal hbieb u li individwalment kellhom in-negozju rispettiv taghhom. Fost affarijiet ohra, kellhom negozju personali fil-Libja u li f'certu okkazjonijiet kienu jippruvaw jabbinaw iz-zjara taghhom fil-Libja sabiex jitilghu flimkien. Jinghad li Farrugia introduca lill-konvenut Marghni lill-konvenuti l-ohra bhala imprenditur Libjan li kien jopera n-negozju tieghu permezz tas-socjetà Highway Car and Spare Parts Importation Company, li xtaq jespandi n-negozju tieghu. Kien miftiehem li t-tliet ihbieb Maltin kienu ser jaghmlu xoghol ta' konsulenza sabiex imexxu u jkabbru din il-kumpanija Libjana, biex tiddiversifika aktar u jlaqqghuwha ma' klijenti godda. Ma kellhomx

jithallsu b'paga fissa izda permezz ta' kummissjoni fuq il-bejgh li jsir. Abela kien jaf lil Attard, tas-socjetà attrici, minn xi negozju precedenti li kien ghamel mieghu, u t-tnejn kienu jiddiskutu l-esperjenzi rispettivi taghhom ta' xoghol fil-Libja.

"Kien permezz ta' inkontru kazwali fl-ajruport fi triqithom lejn il-Libja, bejn Attard, Abela u Farrugia, fejn nibet il-hsieb li jsir in-negozju meritu ta' din il-kawza, meta skont Abela, Attard li kien digà shab ma' xi Libjani, infurmahom li ried jinqala' 'l barra u ried isib sieheb li seta' jafda. Hawnhekk Farrugia ghamel kuntatt ma' Marghni u introducewh, bhala sid is-socjetà Highway Car and Spare Parts Importation Company (minn hawn 'il quddiem imsejha Highway), lil Salvu Attard.

"Abela jishaq li Attard, ghan-nom ta' Attrans Commercials Limited (minn hawn 'il quddiem imsejha Attrans), dahal fi ftehim dirett ma' Marghni fis-sens li bejn it-tnejn kellha ssir *joint venture,* sabiex is-socjetà ta' Marghni timporta u tbiegh l-ingenji fil-Libja. Attrans kellha tibghat l-ingenji u l-makkinarju lejn il-Libja "*on consignement basis",* Highway kellha tbiegh l-ingenji u l-makkinarju, u bir-rikavat tal-bejgh, Highway thallas lil Attrans il-prezz tal-makkinarju u, wara li jitnaqqsu l-ispejjez, ir-rikavat jinqsam ugwalment bejn Highway u Attrans. L-ispejjez kellhom jithallsu ugwalment bejn Highway u Attrans. Il-konvenuti Abela, Galea u Farrugia kellhom jiehdu hsieb il-processar ta' dokumenti tad-Dwana u ta' dan kellhom jithallsu kummissjoni fl-ahhar tas-sena minn Highway.

"Kif irrilevat l-ewwel Qorti, ma jirrizultax li sar xi ftehim bil-miktub dwar in-negozju bejn il-kontendenti fil-kawza. Ghalkemm huwa pacifiku li l-ftehim kien wiehed verbali u l-Kodici tal-Kummerc ma jipprekludix li jsir ftehim bil-fomm, madankollu jirrizultaw zewg verzjonijiet kuntrastanti ghall-ahhar rigward in-natura ta' relazzjoni li kien hemm bejn s-socjetà attrici appellanti u l-konvenuti appellati. Fin-nuqqas ta' ftehim bil-miktub jehtieg li l-gudikant jiddetermina n-natura tan-negozju u l-ftehim bejn il-partijiet a bazi tal-provi.

"In tema legali dwar konflitt ta' verzjonijiet, fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 2004, inghad:

> ""… … … *jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1] *Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili*

[1] App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002

*hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.*[2] *Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili."*

"Hekk ukoll fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar v. David Curmi noe, hekk kif konfermata minn din il-Qorti, fid-19 ta' Gunju, 2006, kien precizat:

*""Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."*

"Minn ezami tal-atti f'din il-kawza din il-Qorti, ghalkemm ma jirrizulta ebda ftehim bil-miktub, hija tal-fehma li l-konvenuti Abela, Galea u Farrugia tabilhaqq ipprestaw is-servizzi taghhom bhala medjaturi sabiex isehh negozju bejn is-socjetà attrici appellanti u s-socjetà Libjana Highway u li l-verzjoni moghtija mill-appellati hija aktar verosimili. Dan qieghed jinghad mhux biss minhabba certu inkongruwenzi fix-xhieda ta' Attard, bhal meta jishaq li dahal f'dan in-negozju fil-Libja direttament mal-Maltin personalment u mbaghad in kontro-ezami jikkonferma li kull negozju li ghamel fil-Libja fuq medda ta' ghoxrin sena kien ma' kumpaniji li kellhom *ownership* Libjan, izda sahhansitra minhabba inverosimiljanza tal-verzjoni tieghu. Huwa minn lewn id-dinja li negozjant, bhalma hija s-socjetà attrici, ma tghaddix ammonti kbar ta' flus, f'kontanti, f'idejn persuna Libjana li hija m'ghandha ebda gharfien taghha, ghajr ghall-fatt li giet indikata lilha mill-konvenuti Maltin!

"Dan apparti li kif gustament ikkonstatat l-ewwel Qorti, il-fatturi kollha esebiti mill-konvenuti huma indirizzati lil Highway; il-*House Bills of Lading*, *Combined Transport Bills of Lading,* u *Certificates of Origin,* mahruga mill-*Maltese-Arab Chamber of Commerce,* kollha jindikaw li n-negozju kien qieghed isir bejn Attrans bhala l-*consignor*, u Highway bhala l-*consignee,* u *contact* kien indikat bhala Abulnaser Marghni – imkien ma jirrizulta isem il-konvenuti appellati, hlief fl-*e-mails* skambjati bejn il-partijiet, fejn hemm ukoll jirrizulta li l-konvenuti appellati kellhom indirizz tal-*e-mail* abbinat mal-istess socjetà Highway. Dan, izda, bl-ebda mod ma jipprova li l-appellati kienu ikkuntrattaw personalment f'isimhom jew li kellhom ir-rapprezentanza legali tas-socjetà Libjana Highway, kif tikkontendi s-socjetà appellanti. Se mai, kif intqal mill-ewwel Qorti, dawn anzi jikkonfermaw li *prima facie* n-negozju kien bejn Highway u Attrans. Il-fatt li l-appellati kellhom access ghall-kompjuters ta' Highway m'ghandhiex ixxejjen jew tnaqqas minn dak li ntqal minnhom in kwantu jishqu li huma konsulenti ta' Highway u dan kien,

[2] App. Civ. Paul Vassallo et vs Carmelo Pace (1986) Vol. LXX.II.144

fil-fehma ta' din il-Qorti, aktar minn haga ohra, indikattiv ta' parti mill-arrangament li l-konvenuti Maltin kellhom ma' Highway.

"Ghalkemm s-socjetà appellanti tishaq li n-negozju sehh mal-appellati personalment u li s-socjetà Highway kienet biss socjetà tal-istess konvenuti appellati li serviet bhala mezz biex twettaq in-negozju bejn il-partijiet, din it-tezi ma tinsabx korraborata mill-provi. Lanqas ma gie riskontrat xi inkonsistenza fix-xiehda ta' Abela fir-rigward tal-livell tal-involviment tal-konvenuti Maltin fl-amministrazzjoni jew maniggjar tal-inkarigu taghhom. Il-fatt li kienu jzommu l-konteggi tal-*joint venture* jew li jbieghu ghan-nom tal-kumpanija Highway, huwa konsistenti ma' dak li jinghad minnu li kienu inkarigati jamministraw in-negozju fl-interess ta' Highway. Fl-ahhar mill-ahhar, huwa meqjus rilevanti li in kontro-ezami, dan l-istess xhud jishaq li n-negozju kien bejn zewg kumpaniji u huwa kien jaghti pariri lil Marghni, izda ma kienx jiehu decizjonijiet hu dwar l-ordnijiet li riedu jsiru.

"Is-socjetà appellanti tilmenta wkoll li ma nghatatx id-debita importanza lil dokument partikolari esebit in atti, l-ittra datata 8 ta' Dicembru, 2010. Din il-Qorti ma taqbilx li din hija l-uniku ittra li tirrizulta mill-atti relatata man-negozju, peress li kif intqal qabel hemm numru ta' fatturi u *bills of lading* li wasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjonijiet taghha. Fi kwalunkwe kaz, din l-ittra li hija mahruga fuq *letterhead* ta' Highway, tinforma lis-socjetà appellanti li n-negozju kien qieghed jigi itterminat. Is-socjetà appellanti tikkontendi li l-fatt li giet iffirmata minn erbgha min-nies, Marghni, Abela, Farrugia u Galea kellu jiddetermina r-rwol dirett li kellhom l-appellati fin-negozju u mhux ta' semplici facilitaturi fil-kummerc. Din il-Qorti rat kemm l-affidavit ulterjuri tal-konvenuti fuq dan il-punt, kif ukoll ix-xhieda in kontro-ezami tal-istess Abela fir-rigward u tirrileva li fil-fehma taghha, bhall-Qorti ta' qabilha, din l-ittra tassew ma tistax tittiehed hlief it-tmiem tan-negozju bejn Highway u Attrans, u bl-ebda mod ma tfisser li l-ftehim kien bejn is-socjetà attrici appellanti bi shab mal-appellati Maltin. Lanqas ma jigi riskontrat xi inkongruwenza fil-fatt li l-ftehim bejn l-appellati Maltin u s-socjetà Libjana kien fis-sens li fl-ahhar tas-sena huma kellhom jithallsu *commission* a bazi tal-profitti.

"Din il-Qorti wkoll ma irriskontrat ebda involviment da parti tas-socjetà Kingpin Limited.

"Fir-rigward tal-kwistjoni l-ohra deciza wkoll mill-ewwel Qorti, ma tirrizultax anqas l-icken prova li sar self ta' somma flus kif tikkontendi s-socjetà attrici appellanti favur l-appellati, jew li b'xi mod avvanzat flus bhala self ghan-nom ta' Abela, Galea u Farrugia. Kif jinghad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-17 ta' April, 2009, fl-ismijiet Christine Xuereb v. Mario Micallef:

> ""*Skond l-ordni guridiku tar-regoli probatorji, jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok li jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu li l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jghamlux, il-konvenut jibqa assistit mill-principju li l-piz tal-prova huwa l-ewwel*

> *mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu, imqar prima facie jistabbilixxi t-tezi tieghu, li mbaghad il-piz tal-prova jissosta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif inghad minn Phipson on Evidence 11th Edition, para. 103 'In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case.'*
>
> "*L-istess awtur jispjega wkoll (op. cit. para. 91) li rregola 'ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio' is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case'.*"

"Fil-kuntest tat-talba tal-appellati ghall-isfilz tad-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell, din il-Qorti tirrileva illi huwa dritt moghti lill-appellant mil-ligi li jesebixxi dokumenti godda mar-rikors tal-appell u, ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tordna l-isfilz taghhom. Kif, però, gia` gie deciz kemm-il darba minn din il-Qorti (ara, per ezempju, Micallef v. Brian Tyre Services deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Gunju, 2013), il-valur probatorju taghhom huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. F'dan il-kaz, din il-Qorti rat li d-dokumenti esebiti mhumiex relevanti ghar-rizoluzzjoni tal-aggravji sollevati fl-appell u, allura, ma hux mehtieg provvediment fir-rigward."

Is-socjetà attrici talbet ritrattazzjoni minhabba li:

"(i) Ghandu jirrizulta bl-akbar rispett stabbilit minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili illi l-e-mails esebiti mill-intimati Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia li juru li huma kellhom indirizzi elettronici li jispiccaw ...@highwary.com.ly mhux biss ma kienux meqjusa irrelevant jew ta' rilevanzaminima jew marginali ghar-rizoluzzjoni tal-kaz, izda gew indikati bhala wiehed mill-fatturi fundamentali li fuqu tali Sentenza, li sabet imbaghad konferma fis-Sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti fi stadju ta' Appell, giet moghtija.

"(ii) Is-Sentenza in Prim'Istanza dwar dan il-fattur tissenjala u tikkwalifika testwalment mar-ratio decidendi taghha bhala fatt rizultanti direttament u b'mod car mill-istess Sentenza taghha, is-segwenti:-

> ""*Mill-indirizzi tal-emails (li jispiċċaw ... ...@highway.com.ly u ...@attranscommercials.com) u mid-dokumenti relatati 6 Fol 98, 111, 115, 121, 128, 133, 137, 144, 148, 153 mal-importazzjoni tal-inġenji, jidher għallinqas prima facie li n-negozju kien qed isir bejn is-soċjeta` rikorrenti u s-soċjeta` Highway Car & Spare Parts Importation Ltd (li skont Attard hija l-kumpanija ta' Abela, Farrugia u Galea)*"

"u

> *""Il-fatt li Abela, Galea u Farrugia kellhom emails personali tagħhom bl-isem tal-kumpanija (...@highway.com.ly) hija kompatibbli max-xhieda tagħhom li bħala konsulenti tal-kumpanija ta' Nasser Marghni huma*

> *kienu jużaw l-uffiċini tiegħu ġewwa l-Libja u li kellhom "aċċess sħiħ għas-sistema tal-computers tiegħu anke minn Malta"*

"(iii) Ghandu bir-rispett isegwi ghalhekk gjaladarba (a) kienu kjarament meqjusa hafna rilevanti d-dokumenti pprezentati mill-imsemmija intimate (tant li fuqhom strahet sew l-ewwel konkluzjoni gudizzjarja) u (b) dawn l-istess dokumenti li juru l-imsemmija email addresses li kellhom l-intimati Abela, Galea u Farrugia kienu fil-qalba tal-assessment ta' kredibilita` u versomiljanza tal-istess intimate maghmul fil-gudizzju finalment moghti, allura d-dokumenti ezebiti mill-esponenti ritrattandi fir-Rikors ta' Appell taghha (li huma direttament referenti ghalihom) kienu – bhala fatt – direttament relevant ghar-rizoluzzjoni tal-aggravji sollevati mill-esponenti ritrattandi fl-Appell minnha interpost.

"(iv) Illi ghandu ghalhekk isegwi, bl-akbar rispett, illi d-decizjoni kontenuta fis-Sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-30 ta' Settembru 2016 li permezz taghha l-istess Onor. Qorti ddkjarat illi "...*F'dan il-kaz, din il-Qorti rat li d-dokumenti esebiti mhumiex relevanti ghar-rizoluzzjoni tal-aggravji sollevati fl-appell u, allura, ma hux mehtieg provvediment fir-rigward"* hija frott, konsegwenza u effett ta' zball li jidher mill-atti u d-dokumenti tal-kawza, minn qari ta' liema johrog car li bhala fatt stabbilit, da kien fattur mhux biss rilevanti izda essenzjalment determinanti.

"(v) Il-klassifikazzjoni bir-rispett errata tad-dokumenti ezebiti mill-esponenti ritrattandi fir-Rikors ta' Appell taghha bhala li *"mhumiex relevant ghar-rizoluzzjoni tal-aggravji sollevati fl-appell"* effettivament ikkawzat stat ta' fatt ingust ghaliex cahdet lill-istess esponenti ritrattandi minn kunsiderazzjoni ta' aspett mhux biss mhusx relevant izda addirittura fundamentali ghall-appell minnha interpost. Dan ghaliex (a) la l-kunsiderazzjoni tal-*email accounts* kien fundamentali (bhala fatt stabbilit) ghar-ratio decidendi tal-Prim'Istanza u (b) la l-istess *email accounts* gew direttament ikkowtati bhala fattur essenzjali fid-decizjoni dwar kredibilita` u versomiljanza, id-dokumenti direttament rilevanti sottomessi fl-Appell in relazzjoni diretta mal-istess, kellhom (ukoll inkwantu aggravju definit) jinghataw kunsiderazzjoni u tinghata decizjoni dwarhom. Dan ma sarx biss ghaliex il-fatt (rizultanti mill-atti) tal-inkluzjoni taghhom fir-ratio decidendi tal-Prim'Istanza gie bir-rispett sorvolat bi zball."

Il-konvenuti Abela u Galea fil-qosor wiegbu li:

(i) L-Artikolu 811(l) tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghall-kaz odjern, peress li l-kriterji t'applikabbilità ma gewx sodisfatti;

(ii) Ladarba din il-Qorti fl-apprezzament taghha hasset li ghandha tiskarta t-tezi tas-socjetà ritrattandi, dan ma jammontax ghal zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti fil-kawza, peress li l-ligi tehtieg li l-izball ikun wiehed materjali;

(iii) Ir-rikorrent qieghed iressaq dawn il-proceduri biex iressaq it-tieni appell u dan imur kontra l-iskop ta' dawn il-proceduri li huma ta' natura straordinarja u li ghandhom jinghataw interpretazzjoni strettissima;

(iv) F'dan l-istadju, hekk imsejjah *in rescindendo*, din il-Qorti m'ghandhiex tgharbel il-provi mill-gdid, sabiex tara jekk taqbilx jew le mal-mod kif l-istess Qorti waslet ghall-fehemiet taghha.

Il-konvenuti Farrugia u Kingpin Ltd wiegbu illi:

(i) Mhux minnu li l-ewwel Qorti bbazat ruhha unikament fuq l-emails peress li qieset fost affarijiet ohra li qatt ma sar ftehim bil-miktub; li l-fatturi kollha ufficjali ta' importazzjoni juru li n-negozju kien qed isir bejn is-socjetà attrici u dik konvenuta Highway Car & Spare Parts Importation Limited; li Attard mhux kredibbli u ma rrizultawx provi li jikkoraboraw il-verzjoni tieghu u l-portata tal-ittra tat-8 ta' Dicembru, 2010. Isegwi li s-socjetà attrici taghmel assunzjoni zbaljata li l-emails kienu l-uniku punt deciziv li fuqha bbazat ruhha l-ewwel Qorti;

(ii) Is-socjetà ritrattandi tibbaza ruhha fuq id-disposizzjoni tal-Artikolu 811 (l) tal-Kap. 12 mentri jinsab ritenut illi sabiex sentenza tkun tista' tithassar a bazi ta' zball, tali zball irid johrog mis-sentenza nnifisha, tkun tidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u dan biss fil-kaz li d-decizjoni tkun imsejsa fuq

supposizzjoni ta' xi fatt li l-verità tieghu tkun eskluza ghal kollox jew fuq is-supposizzjoni li l-fatt ma jezistix, filwaqt li l-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun gie deciz bis-sentenza;

(iii) Ghalkemm is-socjetà rikorrenti tikkoncedi li l-izball irid jimmanifesta ruhu bhala konfront dirett bejn dikjarazzjoni fis-sentenza u l-atti u d-dokumenti fil-process, izda imbaghad issostni li l-izball jikkonsisti fil-fatt li din il-Qorti qieset xi dokumenti mhux rilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-appell. Ladarba din il-Qorti qieset u kkunsidrat ir-rilevanza o meno tad-dokumenti, dan il-fatt fih innifsu jeskludi r-rimedju tar-ritrattazzjoini ai termini tal-Artikolu 811 (l), peress li d-determinazzjoni dwar ir-rilevanza o meno tal-istess dokumenti hija manifestazzjoni cara ta' punt ikkontestat li gie deciz bis-sentenza tal-Qorti. Dan jikkostitwixxi apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti li jikkostitwixxu l-konvinciment insindakabbli tal-gudikant li ma jista' qatt ikun suggett ta' ritrattazzjoni.

Il-kuraturi Dr Mark A. Mifsud Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer ghal Abdulnaser Marghni ressqu risposta li permezz taghha, jinghad:

> "Illi huma mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta motivata f'kaz li jigu edotti mill-fatti.
>
> "Salv risposta ulterjuri."

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Permezz tal-proceduri odjerni, s-socjetà attrici ritrattandi tinkwadra l-ilment taghha taht l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddisponi li kawza tista' tigi ritrattata:

> "... *jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.*
>
> *"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita' pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.*"

Kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) tas-16 ta' Frar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Robert Yates v. Anthony sive Tony Aquilina** (u din fuq l-iskorta ta' sentenzi ohra) biex ikun hemm l-izball ravvizat fil-paragrafu (l) tal-Artikolu 811 hu mehtieg li:

> "1. *Illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;*
>
> *"2. L-izball irid jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball;*
>
> *"3. Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cioe` li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;*
>
> *"4. Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza u ghalhekk, ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista` tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata.*
>
> *"5. Illi l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta' kontroversja, jigifieri punt*

> *kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghandu jinghad mal-ewwel, li t-talba tas-socjetà attrici ghar-ritrattazzjoni ma tistax tirnexxi ghal diversi ragunijiet. Fosthom inkwantu hija qeghda bazikament titlob li din il-Qorti taghmel mill-gdid apprezzament ta' fatti. Meta s-socjetà attrici ritrattandi tislet silta mir-*ratio decidendi* tas-sentenza tal-ewwel Qorti, fejn inghad li l-fatt li Abela, Galea u Farrugia kellhom *emails* personali bl-isem tal-kumpanija, hija kumpatibbli max-xhieda taghhom li huma bhala konsulenti ta' Nasser Marghni kellhom access ghall-ufficini tieghu fil-Libja, kif ukoll access ghall-*computers* tieghu, dan, is-socjeta` attrici, taghmlu biex tishaq dwar l-importanza tad-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell taghha sabiex tirribatti dak li nghad minn din il-Qorti dwar in-nuqqas ta' relevanza taghhom ghar-rizoluzzjoni tal-aggravji sollevati fl-appell inkwistjoni. Hija tikkontendi li d-dokumenti esebiti minnha kienu bhala fatt direttament rilevanti u ghalhekk l-asserzjoni ta' din il-Qorti hija konsegwenza u effett ta' zball li jidher mill-atti u d-dokumenti tal-kawza, fattur mhux biss rilevanti, izda wkoll determinanti.

Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tas-socjetà attrici ritrattandi. Dan peress li wara li din il-Qorti fl-istadju tal-appell, rat id-dokumenti esebiti mar-rikors tal-appell inkwistjoni u qieset li ma kienux relevanti ghar-rizoluzzjoni tal-aggravji sollevati fl-appell, dan fih innifsu

jikkostitwixxi apprezzament u interpretazzjoni da parti tal-gudikant. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-17 ta' Mejju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards Fil-Harsien Socjali v. Sharon Rose Roche nee` Bellamy**:

> *"Fil-konfront tal-aggravju ai termini tal-Artikolu 811 (l), hi gurisprudenza assodata li l-izball li jwassal ghat-thassir tas-sentenza taht din il-kawzali jrid ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew interpretazzjoni …*
>
> *"… l-izball ma jridx ikun relattiv ghall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza li qieghed jintalab it-thassir taghha, ghaliex dan m'huwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konvinciment insindakabbli tal-gudikant;"*

Filwaqt li din il-Qorti thaddan dan il-principju, meta tapplikah ghall-kaz in ezami, ssib li s-socjetà attrici ritrattandi qeghda tattakka l-apprezzament maghmul minn din il-Qorti tad-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell taghha, li jfisser li qeghda tistieden lil din il-Qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi, dwar fatti kkontestati li dwarhom inghatat decizjoni. Issa wiehed jista' ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Qorti li twarrab dawk id-dokumenti, izda ma jistax jinghad li dan jikkostitwixxi zball. Fil-verità s-socjetà attrici ritrattandi qeghda tressaq appell mid-decizjoni tal-Qorti li twarrab id-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell, taht il-paraventu tar-ritrattazzjoni.

Hekk ukoll hija zbaljata s-socjetà attrici ritrattandi meta tghid li dawn id-dokumenti gew sorvolati bi zball. Minn qari tas-sentenza attakkata jidher car li d-dokumenti ma gew sorvolati xejn, izda wara d-debita

konsiderazzjoni taghhom, ma kenux ritenuti rilevanti ghall-aggravji tas-socjetà attrici, hemm appellanti. Dan jikkostitwixxi apprezzament car li din il-Qorti ghamlet fl-istadju tal-appell, u mhux zball, kif tittanta tghid is-socjetà attrici ritrattandi u konsegwentement is-sentenza inkwistjoni ma tistax tigi attakkata permezz tar-ritrattazzjoni. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-13 ta' Gunju, 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Isidoro Agius v. Giuseppi Bugeja**:

> *"... jekk l-izball akkampat bhala motiv ghar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni mpunjata, mhix ammessa ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u interpetazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni"*.

Kawza ta' ritrattazzjoni m'ghandhiex isservi sabiex issir interpretazzjoni differenti minn dik tal-Qorti li tkun iddecidiet il-kawza.

Inoltre, meta s-socjetà attrici ritrattandi tikkontendi li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili rriteniet illi l-*emails* esebiti mill-konvenuti kien **<u>wiehed</u>** mill-fatturi fundamentali li fuqu ssejset is-sentenza taghha, li sussegwentement giet ikkonfermata minn din il-Qorti, din l-istqarrija taghha, hija fiha nnifisha raguni ohra l-ghala t-talba taghha ghar-ritrattazzjoni ma tistax tintlaqa'. Kif gustament rilevat mill-konvenuti Farrugia u Kingpin Ltd, ladarba s-sentenza in ezami kienet determinata fuq ragunijiet ohra apparti l-kwistjoni tal-*emails*, l-ilment tas-socjetà attrici ritrattandi ma tista' qatt tirnexxi taht is-subinciz in ezami. Kif inghad fis-sentenza ta'

din il-Qorti tad-9 ta' April, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Scicluna Enterprises (Gozo) Limited v. Michael Cini et:**

> *"... wahda mir-rekwiziti mehtiega biex tigi accettata r-ritrattazzjoni skont dan is-sub inciz, hija li "l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri li l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza; u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata."*

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-Qorti tiddisponi mir-rikors tar-ritrattazzjoni, billi tichad it-talbiet tas-socjetà attrici ritrattandi, ghat-thassir tas-sentenza moghtija minnha fit-30 ta' Settembru, 2016, kif ukoll it-talba konsegwenzjali ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza, bl-ispejjez kontra taghha.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld